MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1935/2002

***Tony Theuma***
***Vs***
***P.J Sutters Co. Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650) rappresentanti servizzi ta' reklamar, riklami u *advertorials* li saru mill-attur fil-program *Euro Cuisine* fuq *Super One Television u Radio*, li ghalihom kien responsabbli l-attur fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-24 ta' Gunju 2002 u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-attur li kkonferma bil-gurament li fil-mori tal-kawza huwa thallas l-ammont dovut, izda ghadu ma thallasx ta' l-ispejjez tal-kawza.

Ra n-nota ta' cessjoni pprezentata mill-attur fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2002 li permezz taghha huwa ceda s-sorte tal-kawza, izda zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant it-Tribunal, wara li ra n-nota ta' cessjoni tat-18 ta' Ottubru 2002, li permezz taghha l-attur ceda s-sorte stante pagament, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawza, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez ta' dina l-istanza, kif ukoll dawk ta' l-ittra bonarja tal-24 ta' Gunju 2002.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**